That although the onus of proof lies solely with the plaintiff nowhere from the proof brought forward does it result that the plaintiff satisfied this essential requisite in order that his action succeeds.....Omissis.....

3. That the third grievance of the appellant company is directed to wards that part of the judgement appealed whereby its second and third preliminary pleas were rejected.....Omissis.....

That in the case in question it appears that the action instituted is one which not only closely interests all the co-owners but the right exercised by the plaintiff is due to all the co-owners in the sense that these can exercise it as owners and defend it as defendants.

.....Omissis.....

It was retained by the Honourable Commercial Court on the 17th October 1959, in the cause Borg Falzon vs Cost Chretien cited in the cause John Grech vs Ġuża Cremona widow (29/03/1985 Vol LXIX Pt 2, pg 191 that;

'there is no doubt that in any proceedings, every person who has an interest in the outcome is to participate .....Omissis.....

That in the judgement appealed the Honourable Court of First Instance arrived at the conclusion that the plaintiff was the possessor of the premises in the definition given by article 524(2) of the Civil Code even if the plaintiff himself in his evidence remarked 'that any agreement regarding this window is to be made with Nikola Borg because he resides there and what he accept , I accept'. (Sitting Number 12 dated 26th May 1993).

That in the humble opinion of the applicant company the present action should have been instituted in the names of all the co-owners of the premises.....Omissis.....

That this action is based on the alleged deprivation of a servitude which as a definition is 'a right established for the advantage of a premises and not a person. A servitude is also of its nature indivisible'. So much so that in terms of article 460 of Cap. 16, a co-owner cannot concede a servitude on a common property if not with the consent of the other owners.

.....Omissis.....

4. That without prejudice to the grievances above raised, the applicant company does not agree with the conclusions of the Honourable Court of First Instance regarding the merit on the case.

Regarding the Opening.

Illi fis-sentenza tagħha l-Ewwel Onorabbli Qorti qablet mal-konklużjonijiet peritali illi jindikaw illi l-apertura in kwistjoni għandha titqies bħala 'tieqa'. Fil-fehma umli tas-soċjetà esponenti, din il-konklużjoni m'hijiex korraborta mix-xhieda prodotta f'din il-kawża.

.....Omissis.....

Illi l–attur stess, fl-udjenza quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti fid-19 ta' Frar 1993, xehed li din l-apertura kien fiha xi żewġ piedi kwadri u li fit-83 sena li għandu dejjem jiftakarha hemmhekk.....Omissis.....

Illi, għaldaqstant mill-provi prodotti kellu jirriżulta bla ebda dubbju illi din l-apertura kienet ta' daqs ta' madwar żewġ piedi kwadri u għalhekk tikkwalifika bħala rewwieħa u bħala tali skond il-liġi qed teżisti b'mera tolleranza u ma tikkostitwix servitù fuq il-proprjetà li tmiss magħha.....Omissis.....

Illi wieħed ma jridx jinsa, f'dan il-kuntest illi l-espert tekniku ma kellux l-okkażjoni li jeżamina l-apertura in kwistjoni fl-istat oriġinali tagħha; u dana billi kif jirriżulta mill-provi, madwar għaxar snin qabel Nikola Borg kien poġġa ġebel ġo l-apertura in kwistjoni li ma kinux jagħlqu l-apertura kompletament iżda kien ħalla spazju għall-ventilazzjoni.

.....Omissis.....

Illi fiċ-ċirkostanzi spjegati, hija l-umli fehma tas-soċjetà esponenti illi x-xhieda prodotta, u senjatament id-deskrizzjoni mogħtija mill-istess attur dwar il-kobor u l-posizzjoni ta' l-apertura illi dejjem jiftakar li kienet teżisti, timmerita ferm aktar attendibilità mill-konklużjonijiet ta' l-abbli espert tekniku nominat mill-Qorti.....Omissis.....

Dwar il-ħajt mibni maġenb il-ħajt diviżorju.

Illi già la darba jiġi stabbilit illi l-apertura in kwistjoni ma kinetx għajr rewwieħa hija l-umli sottomissjoni ta' l-esponenti illi l-istess soċjetà esponenti kellha kull dritt illi tagħlaq din l-apertura u tibni l-ħajt f'distanza ta' anqas mit-tliet metri kontemplati fl-artikolu 435 tal-Kap. 16.

5. Illi l-ħames aggravju tas-soċjetà esponenti hija illi l-attur ma rnexxilux jipprova fi kwalunkwe każ, l-eżistenza tas-servitù allegata minnhu u t-titolu illi bih ġie kkreata din is-servitù.....Omissis.....

Hija l-umli sottomissjoni tas-soċjetà appellanti għalhekk illi ċertament ma jistax jingħad illi minħabba s-sempliċi riferenza ambigwa fil-kuntratt tal-21 ta' Novembru 1953, l-attur irnexxielu jipprova l-kostituzzjoni tas-servitù in kwistjoni b'titolu akkwistat b'att pubbliku.

That in its judgement the Honourable Court of First Instance agreed with the conclusions of the referee which indicated that the opening in question is to be considered as a 'window'. In the humblie opinion of the applicant company, this conclusion is not corroborated with the witnesses produced in this case.

.....Omissis.....

That the plaintiff himself, in the audience before the Honourable Court of First Instance on the 19th February 1993, testified that this opening was two square feet and that in his eighty three years he always remembers it there.....Omissis.....

That thus from the proof produced it should have resulted without any doubt that this opening was of a size of cirka two square feet and thus qualifies as a rewwieha and thus according to law is existing by mere tolerance and does not constitute a servitude on the adjacent property.....Omissis.....

That one must not forget, in this context that the technical expert did not have occassion to examine the opening in question in its original state, and this as results from the proof, some ten years ago Nikola Borg, had layed stones in the opening in question which did not close the opening completely but left a ventilation space.

.....Omissis.....

That in the circumstances explained it is the humble opinion of the applicant company that the witnesses produced, and especially the description given by the same plaintiff regarding the size and position of the opening who always remembers that it existed, merits much more attention that the conclusions of the able expert appointed by the Court.....Omissis.....

Regarding the wall built near the diving wall.

That once that it is established that the opening in question was nothing but a rewwieha, it is the humble submission of the applicant that the same applicant company had every right to close the opening and build the wall at a distance of less than three metres contemplated in article 435 of Chapter 16.

5. That the fifth grievance of the applicant company is that the plaintiff did not prove in any case, the existence of the servitude alleged by him and the title in virtue of which this servitude was created.....Omissis.....

It is the humble submission of the appellant company that certainly it cannot be said that due to a simple ambiguous reference in the contract of the 21st November 1953, the plaintiff managed to prove the constitution of the servitude in question by a title acquired by public deed.

Lanqas ma taqbel is-soċjetà esponenti b'kull rispett ma' l-affermazzjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti illi jirriżulta li din l-apertura saret meta kien qed jinbena l-imsemmi fond.....Omissis.....

Jibqa' li jiġi kkunsidrat għalhekk jekk din is-servitù setgħetx ġiet ikkreaata bil-preskrizzjoni trentennali .....Omissis.....

Illi s-soċjetà appellanti inkluż l-awtur fit-titolu tagħha dejjem affermaw illi sew qabel ma xtraw il-post u sew wara li sar il-kuntratt ta' bejgħ qatt ma kienu raw xi apertura ossija tieqa.....Omissis.....

Illi fiċ-ċirkostanzi l-preskrizzjoni ta' tletin sena indikata mill-Ewwwel Onorabbli Qorti għalkemm ma tirrikjedi la titolu u lanqas il-buona fede, xorta waħda tirrikjedi l-elementi kostitutivi tagħha skond l-artikolu suċċitat u già ladarba m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt affermat mis-soċjetà appellanti u Renato Micallef fil-paragrafu preċedenti, il-grad ta' prova meħtieġ mill-attur huwa ferm aktar mis-sempliċi dikjrazzjoni ta' l-istess attur illi għandu 83 sena u 'din it-tieqa dejjem niftakarha hemm'.....Omissis.....

Barra minn hekk l-istess xhieda attriċi allegaw illi din l-hekk imsejħa tieqa kienet ilha magħluqa għal għaxar snin liema perijodu għandu jitqies illi kien suffiċjenti għas-soċjetà appellanti u l-awturi tagħha fit-titolu tal-fond, illum proprjetà tas-soċjetà appellanti, sabiex bl-applikazzjoni tal-preskrizzjoni deċennali, tipproteġġi lill-istess soċjetà appellanti kontra l-pretensjonijiet attriċi fil-konfront ta' l-allegata servitù.

Għaldaqstant is-soċjetà appellanti filwaqt illi tagħmel riferenza għall-atti kollha tal-kawża u tirriżerva illi tagħmel osservazzjonijiet u provi ulterjuri li jkun hemm bżonn, titlob riverentement li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' dan l-appell billi tirrevoka u tħassar is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-6 ta' Frar 2006, fl-ismijiet fuq premessi u minflok prevja li tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanti, tiċħad it-talbiet kollha attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat.

Appella: Emanuel Muscat,
51, Anġlu Mallia Street,
Birkirkara.
5, Quarries Street,
Ħal Balzan.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 28 ta' April 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Nor does the applicant company agree with all respect with the affirmation of the Honourable Court of First Instance that it results that the opening was made when the said building was being build.....Omissis.....

It remains to be considered thus whether this servitude could have been created by means of the thirty years prescription.....Omissis.....

That the appellant company including its predecessor in title always affirmed that both before they bought the premises and after the contract of sale was concluded they had never seen an opening or window.....Omissis.....

That in the circumstances the thirty years prescription indicated by the Honourable Court of First Instance although it requires neither title or good faith, it still requires its constitutive elements according to the article above mentioned and once there is no contestation regarding the fact affirmed by the appellant company and Renato Micallef in the preceeding paragraph, the grade of proof required by the plaintiff is much more than a simple declaration of the same plaintiff who is eighty three years old and 'always remembers this window'.....Omissis.....

Apart from this the same witnesses of the plaintiff alleged that this so called window had been closed for more than ten years which period is to be considered sufficient for the appellant company and its predecessors in title of the premises, today property of the appellant company, so that by means of the application of the ten years prescription protect the applicant company against the plaintiff's claims as regards the alleged servitude.

Thus the applicant company whilst referring to all the records of the case and reserving to make observations and further proof which might be necessary, reverently asks that this Honourable Court upholds the appeal by revoking and cancelling the judgement given by the Honourable First Hall Civil Court, on the 6th February 2006, in the names above premised and instead uphold the pleas of the appellant company, rejected all the plaintiffs demands with costs of both instances against the respondent plaintiff.

Respondent: Emanuel Muscat,
51, Anġlu Mallia Street,
Birkirkara.
5, Quarries Street,
Balzan.

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 28th April 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

701

Ikun jaf kulhadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Frar 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Nru 15/2006NC, fl-ismijiet Tabone Giovanna sive Joanne vs Tabone Raymond, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Giovanna sive Joanne Tabone, bil-karta ta' l-identità Nru 85467(M) ippreżentat Ċitazzjoni fl-4 ta' Jannar 2006, fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kontra Raymond Tabone, bil-karta ta' l-identità Nru 225565(M):

1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti konjugi Tabone għar-raġunijiet premessi imputabbli unikament lill-konvenut;.....Omissis.....

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri ….Omissis… .lill-attriċi bi dritt ta' aċċess għal konvenut u dan taħt dawk il-modalitajiet li jogħġobha tordna din il-Qorti;

3. Tordna lill-konvenut sabiex jagħti lill-attriċi dik ir-retta alimentarja dovuta lilha skond il-liġi u kif ukoll sabiex jagħti lill-minuri ……..Omissis……. dik ir-retta alimentarja li din il-Qorti tara li hija ġusta, ……Omissis…… kif ukoll li din ir-retta alimentarja tiġi inkrementata perjodikament sabiex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja;

4. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u tassenja lil kull wieħed u waħda mill-kontendenti is-sehem dovut u tordna x-xoljiment ta' l-istess komunjoni.

5. Tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parte d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 u/jew 51 sa 55A tal-Kodiċi Civili (Kap. 16 1984 Ed. tal-Liġijiet ta' Malta).

6. Tawtorizza lill-attriċi sabiex tabita fid-dar matrimonjali 116, Rayjoan, Triq iċ-Ċikas, Ħaż-Żabbar ad esklużjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjeż kif jingħad fiċ-Ċitazzjoni kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Konvenut: 236, St. Julian's Street, Birkirkara.

Il-kawża Ċitazzjoni Nru 15/2006 NC, fl-ismijiet Tabone Giovanna sive Joanne vs Tabone Raymond, tinsab differita għan-notifika tal-konvenut għat-13 ta' Ġunju 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 2 ta' Mejju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 14th February 2006, in the records of the Writ of Summons Number 15/2006 NC, in the names Tabone Giovanna sive Joanne vs Tabone Raymond, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Giovanna sive Joanne Tabone, having identity card number 85467(M) filed a Writ of Summons on the 4th January 2006, in the Civil Court (Family Section) against Raymond Tabone, having identity card number 225565(M);

1. Pronounce the separation between the parties spouses Tabone for reasons premised imputable solely to the defendant:.....Omissis.....

2. To entrust the care and custody of the minor …Omissis…to the plaintiff with a right of access in favour of the defendant and this under those modalities which this Court deems fit to impose.

3. To order the defendant to give the plaintiff the adequate maintenance due to her according to law and also to give the minor …….Omissis…… the adequate maintenance which this Court sees as just, ……Omissis…… as well as the adequate maintenance that shall be increased periodically to make good for the cost of living;

4. To liquidate the community of acquests existing between the parties and to assign to each of them the share due and to order the dissolution of the community of acquests.

5. To apply against the defendant entirely or in part those provisions of Article 48 and/or 51 to 55A of the Civil Code (Cap. 16 1984 Ed. of the Laws of Malta).

6. To authorise the plaintiff to live in the matrimonial home 116, Rayjoan, Ċikas Street, Zabbar to the exclusion of the defendant.

With costs as stated in the Writ of Summons against the defendant who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Defendant: 236, St. Julian's Birkirkara.

The case Writ of Summons No.15/2006 NC, in the names Tabone Giovanna sive Joanne vs Tabone Raymond has been put off in order that the defendant be notified to the 13th June 2006, at 9.00 a.m.

Registry of the Civil Court (Family Section) today 2nd May 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

702

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet, mogħti fis-26 ta' April 2006, fl-atti tar-Rikors numru 240/2006, in segwitu għar-Rikors ta' Josephine Caruana, ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-inventarju ta' l-assi ta' Mario Caruana, żewġ Josephine Caruana, bin Carmelo u Paola neè Camilleri, imwieled u kien joqgħod iż-Żurrieq u miet l-Imqabba fit-18 ta' Frar 2005, u kellu karta' ta' l-identità numru 00155(M).

Din il-pubblikazzjoni ta' l-inventarju għandha ssir nhar il-Ġimgħa 26 ta' Mejju 2006, fid-disgħa u nofs (9.30 a.m.) fl-uffiċċju numru 13/25, Triq id-Dejqa, Valletta, b'att tan-Nutar Dott. Joseph R. Darmanin.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 2 ta' Mejju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) by means of a decree given on the 26th April 2006, in the records of the Application number 240/2006, following an Application of Josephine Caruana ordered the publication of the inventory of the assets of Mario Caruana, husband of Josephine Caruana, son of Carmelo and Paola neè Camilleri, born and who resided in Żurrieq and died in Mqabba on the 18th February 2005 and had identity card number 00155(M).

The publication of the inventory shall be held on Friday 26th May 2006, at half past nine (9.30 a.m) at the office number 13/25, Strait Street, Valletta, by deed of Notary Dr Joseph R. Darmanin.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 2nd May 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

703

B' dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fil-21 ta' Marzu 2006, minn Theresa Borg, mart Anthony Borg, numru 175/2006, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa kollha favur tagħha s-SUĊĊESSJONI ta' oħtha Carmela Cassar, xebba, bint il-mejtin Paolo Cassar u Grazzja neè Brincat, imwielda Ħal Tarxien, kienet residenti l-Isptar San Vinċenz, Ħal Luqa, fejn mietet fil-5 ta' Lulju 2005, ta' 82 sena u li kellha karta ta' l-identità numru 639922(M) u li mietet bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et. seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 2 ta' Mejju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 21st March 2006, by Theresa Borg, wife of Anthony Borg, number 175/2006, whereby she asked that it be declared open in her favour the SUCCESSION of her sister Carmela Cassar, unmarried, daughter of the late Paolo Cassar and Grazzja neè Brincat, born in Tarxien, and residing, at Saint Vincent de Paule Hospital, Luqa, where she died on the 5th July 2005, aged 82, intestate, and who had identity card number 639922(M) and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition in terms of Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 2nd May 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

704

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' April 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Nru 1145/2005 FS fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Ellul Sullivan Timothy et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Bank of Valletta p.l.c. (C2833) 173, St. Christopher Street, Valletta, ippreżentaw Ċitazzjoni, fl-1 ta' Diċembru 2005, kontra Timothy u Arienne miżżewġin Ellul Sullivan, ID Nri 564061(M) u 31467(M) Rosedale, 44, Flat 5, Triq il-Ġogi, is-Swieqi, fejn talbu il-konvenuti għaliex din il-Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet msemmija fiċ-ċitazzjoni;

1) Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fis-Sanction Letter imsemmija fiċ-ċitazzjoni (u hawn esebita bħala Dokument 'A') partikolarment imma mhux esklussivament, billi Timothy u Arienne miżżewġin Ellul Sullivan (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija sanction letter, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess sanction letter sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess konvenuti Timothy u Arienne miżżewġin Ellul Sullivan li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibiltà ta' ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.

2) Tikkundanna lil Timothy u Arienne miżżewġin Ellul Sullivan iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħamest elef, seba' mija u ħamsa u erbgħin Lira Maltija u tmienja u sebgħin ċenteżmu (Lm5,745.78) bilanċ għad-debitu fil-'Loan Account' ta' Timothy u Arienne miżżewġin Ellul Sullivan mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok 'B1" sa 'B2) flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mit-23 ta' Novembru 2005, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż, kif jingħad fiċ-ċitazzjoni kontra l-konvenuti li huma inġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Il-kawża Ċitazzjoni Nru 1145/2005 FS, fl-ismijiet Bank of Valletta plc (C 2833) vs Ellul Sullivan Timothty et, tinsab differita għall-10 ta' Mejju 2006, fid-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Mejju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 10th April 2006, in the records of the Writ of Summons Number 1145/2005 FS in the names Bank of Valletta plc vs Ellul Sullivan Timothy et ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) of Cap.12.

Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) 173, St. Christopher Street, Valletta, filed a Writ of Summons on the 1st December 2005, against Timothy and Arienne spouses Ellul Sullivan , ID numbers 564061(M) and 31467(M) Rosedale 44, Flat 5, Gogi Street, Swieqi whereby they asked the defendants why this Court should not for reasons mentioned in the writ of summons:

1) Declare and decide that there occurred one or more of the events mentioned in the Sanction Letter mentioned in the writ of summons and hereby exhibited as Document 'A') particulary but not exclusively, as Timothy and Arienne spouses Ellul Sullivan (a) failed to make the payments due to the interpellant company as stipulated in the sanction letter, (b) failed in other obligations assumed by them in the same sanction letter above indicated, and /or (c) there is material change of circumstances of the same defendants Timothy and Arienne Ellul Sullivan which endanger or badly affect the said debt due to the plaintiff company.

2) Condemn Timothy and Arienne spouses Ellul Sullivan to pay the plaintiff company the sum of five thousand seven hundred and forty five Maltese liri and seventy eight cents (Lm5,745.78) (balance of debt in the 'Loan Account' of Timothy and Arienne spouses Ellul Sullivan with the Bank of Valletta p.l.c. (Doc 'B1 to B2') together with further interest from the 23rd November 2005, till the date of effective payment.

With costs, as stated in the writ of summons against the defendants who are summoned so that a reference to their evidence be made.

The Case Writ of Summons Number 1145/2005 FS, in the names Bank of Valletta plc (C 2833) vs Ellul Sullivan Timothy et has been put off to the 10th May 2006, at 9.45am.

Registry of the Superior Courts, today 2nd May 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

705

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' April 2006, fl-atti tar-Rikors Numru 365/2005 JRM, fl-ismijiet Cutajar née Mallia Madeline et vs Borg Carmelo sive Charles noe et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fl-20 ta' April 2005, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Madeline Cutajar née Mallia (Numru tal-Karta ta' l-ID 284487M) u Joseph Mallia (Numru tal-Karta ta' l-ID 42083M) vs Carmelo sive Charles Borg (Numru tal-Karta ta' l-ID 594760M) fil-kwalità tiegħu ta' Direttur tas-soċjetà kummerċjali Marlbor International Trading Limited (C 13234) u Marlbor International Trading Limited (C 13234), ir-rikorrenti Madeline Cutajar née Mallia (Numru tal-Karta ta' l-ID 284487M) u Joseph Mallia (Numru tal-Karta ta' l-ID 42083M)), esponew bir-rispett;

Illi s-soċjetà intimata Marlbor Trading Limited ġiet inkorporata fit-30 ta' Ottubru 1991.

Illi r-rikorrenti huma azzjonisti tal-kapital tas-soċjetà Marlbor International Trading Limited u cioè Madlene Cutajar née Mallia għandha mitejn (200) B share filwaqt li Joseph Mallia għandu ħamsin (50) B share.

Illi l-uniku direttur li għandha din is-socjetà huwa l-intimat Carmelo sive' Charles Borg.

Illi l-amministrazjoni ta' din is-soċjetà sa minn meta ġiet inkorporata, dejjem kienet fdata f'idejn l-intimat Carmelo sive Charles Borg.

Illi għal dawn l-aħħar snin u cioè mill-1996, l-intimat Carmelo sive Charles Borg fil-kwalità tiegħu ta' direttur tas-soċjetà intimata naqas milli jippreżenta r-rendikonti u annual returns kif teħtieġ il-liġi.

Illi bħala azzjonisti, l-intimati f'dawn l-aħħar snin, bl-ebda mod ma ġew infurmati bl-operat tal-kumpanija u bl-amministrazzjoni ta' l-istess u lanqas m'għandhomx aċċess għall-informazzjoni jew għal dokumentazzjoni rigwardanti l-operat ta' l-istess kumpanija.

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti sabiex a tenur ta' l-att dwar il-Kumpaniji 1995 (1) fi żmien prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, tordna lill-intimati jgħaddu l-informazzjoni kollha dwar il-qagħda finanzjarja tas-soċjetà intimata u (2) tordna lill-istess intimati sabiex fi żmien iffissat minn din l-Onorabbli Qorti jippreżentaw lir-Reġistratur tal-Kumpaniji, ir-rendikonti finanzjarji u l-annual returns skond ma tordna l-liġi u dan skond dawk il-provvidimenti li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rikorrenti: 9, Silver Bream, Triq Nardu Ellul, Ħal Kirkop.
Intimati: Blokk 3, Flat 16, Binja Minzel, Ġebel San Martin, Żejtun.

Ir-Rikors numru 365/2005 JRM, fl-ismijiet Cutajar née Mallia Madeline et vs Borg Carmelo sive Charles noe et ġie

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 4th April 2006, in the records of the Application Number 365/2005 JRM, in the names Cutajar née Mallia Madeline et vs Borg Carmelo sive Charles noe et, ordered the following publication for the purpose of service of the defendants in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an application filed on the 20th April 2005, in the First Hall Civil Court in the names Madeline Cutajar née Mallia (ID Card Number 284487M) and Joseph Mallia (ID Card Number 42083M) vs Carmelo sive Charles Borg (ID Card Number 594760M) in his capacity of Director of the commercial company Marlbor International Trading Limited (C 13234) and Marlbor International Trading Limited (C 13234), the applicant Madeline Cutajar née Mallia (ID Card Number 284487M) and Joseph Mallia (ID Card Number 42083M) pleaded with respect;

That the respondent company Marlbor Trading Limited was incorporated on the 30th October 1991.

That the applicant are shareholders in the capital of the company Marlbor International Trading Limited and that is Madlene Cutajar née Mallia has two hundred (200) B share whilst Joseph Mallia has (50) B share.

That the only director that this company has is the respondent Carmelo sive Charles Borg.

That the administration of this company since it was incorporated was always entrusted in the hands of the respondent Carmelo sive Charles Borg.

That during these last years and that is from 1996, the respondent Carmelo sive Charles Borg in his capacity of director of the respondent company failed to file the statement of accounts and annual returns as required by law.

That as shareholders, the respondents during these last years, in no manner were informed with the operations of this company and with the administration of the same and they do not have access to information or documentation regarding the operations of the same company.

Thus the interpellant prays with respect so that this Honourable Court in terms of the Companies Act 1995 (1) within a time fixed by this Honourable Court, orders the respondents to pass all the information regarding the financial position of the respondent company and (2) orders the same respondents so that within a time fixed by this Honourable Court they file with the Registrar of Companies, the financial statements and annual returns according to law and this according to the provisions that this Honourable Court deems fit and opportune.

Applicant: 9, Silver Bream, Nardu Ellul Street, Kirkop.
Respondents: Block 3, Flat 16, Binja Minzel, Ġebel San Martin, Żejtun.

The Application number 365/2005 JRM, in the names Cutajar née Mallia Madeline et vs Borg Carmelo sive Charles

differit għan-notifika għall-11 ta' Mejju 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Mejju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

noe et has been put off in order that service be effected to the 11th May 2006, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 2nd May 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

706

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tas-27 ta' Marzu 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fid-19 ta' Jannar 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Martin Cassar (ID 334280M) ta' 72, Triq il-Pont, il-Mosta, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u tmenin lira Maltija u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm180.74) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (45/06DC) hija differita għall-15 ta' Mejju 2006 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 2 ta' Mejju 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 27th March 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 19th January 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Martin Cassar (ID 334280M) of 72, Triq il-Pont, Mosta, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and eighty Maltese liri and seventy four cents (Lm180.74) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 45/06DC) is put off on the 15th May 2006 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 2nd May 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

707

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tas-27 ta' Frar 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Sliema Office Services Limited (C-30785) ta' 34, Cathedral Street, Sliema, ippreżentaw Talba fit-23 ta' Jannar 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Sanjcev Kumar ta' 28, Norfolk Street, Sliema SLM 04 sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf tliet mija u sittin lira Maltija (Lm1,360) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi

Il-kawża (57/06DC) hija differita għall-15 ta' Mejju 2006 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 2 ta' Mejju 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 27th February 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Sliema office Services Limited (C-30785) of 34, Cathedral Street, Sliema filed a Claim on the 23rd January 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Sanjcev Kumar of 28, Norfolk Street, Sliema SLM 04, to pay the plaintiff company the sum of one thousand three hundred and sixty Maltese liri (Lm1,360) which amount is due to the plaintiff company.

The case (Claim Number 57/06DC) is put off on the 15th May 2006 at 12.30 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 2nd May 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

708

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti min din il-Qort fis-6 ta' Jannar 2006, il-Qorti Ċivili Prim'Awla, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-6 ta' Jannar 2006 fuq talba ta' Bank of Valletta p.l.c. ġie ordnat biex jintagħżlu Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Ahmed Hamdan fl-atti ta' l-ittra uffiċjali fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Ahmed Hamdan u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Jannar 2006 lil Kuraturi Deputai nominati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti Ahmed Hamdan (ID Numru 75898M), is-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn thallsu s-somma ta' sebat elef, mija u tmienja u tmenin lira Maltija u seba' ċenteżmi (Lm7,188.07) bilanċ għad-debitu fil-'Loan Accounts' ta' l-assenti Ahmed Hamdan mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mill-20 ta' Diċembru 2005, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżakom illi jekk tonqsu hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tagħkom skond il-liġi.

Soċjetà Mittenti: Bank of Valletta plc
173, St. Christopher Street, Valletta.

Intimati: Kuraturi Deputati et noe
Kamra ta' l-Avukati, Qrati Superjuri, Valletta.

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-Bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u sejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur sabiex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fi żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi ta' l-uffiċċju.

U wara lit kun għamilt dan jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-Bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Notifika Bandi: Carol Falzon (ID Numru 296870M)

Fl 4, Triq Salvatore Mallia, Blokk B, Ent. B,
Siġġiewi.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Imħallef Giannino Caruana Demajo, LLD., Duttur tal-Liġi.

Illum 6 ta' Jannar 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri illum 2 ta' Mejju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree given by this Court on the 6th January 2006, the Civil Court First Hall ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Whereas by a decree given by this Court on the 6th January 2006 following a request of the Bank of Valletta p.l.c. it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the absent Ahmed Hamdan in the records of the judicial letter in the names Bank of Valletta p.l.c. vs Deputy Curators to represent the absent Ahmed Hamdan and in the relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter filed in the First Hall Civil Court on the 5th January 2006, against Deputy Curators appointed to represent the absent Ahmed Hamdan (ID No. 75898M), the company Bank of Valletta p.l.c. calls upon you so that within two days you pay the sum of seven thousand one hundred and eighty eight Maltese liri and seven cents (Lm7,188. 07) balance of debt in the 'Loan Acounts' of the absent Ahmed Hamdan with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 20th December 2005, till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to be proceed against you according to law.

Interpellant company Bank of Valletta p.l.c.
173, St. Christopher Street, Valletta.

Respondents: Deputy Curators et noe
Chamber of Advocates, Superior Courts, Valletta.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting of if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Notify with the Banns: Carol Falzon (ID Number 296870M)
Fl 4, Salvatore Mallia Street, Block B, Ent. B,
Siġġiewi.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of Mr Justice Giannino Caruana Demajo, LL.D., Doctor of Laws.

Today 6th January 2006.

Registry of the Superior Courts, today 2nd May 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

709

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet moghti fid-9 ta' Frar 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Joseph Camilleri ID numru 625647(M) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, illum 15 ta' Diċembru 2005.

Lil Joseph Camilleri I.D. 625647(M)

Bil-preżenti s-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. tinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' tliet mija u disgħa u tmenin elf, mitejn u sebgħin liri Maltin u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm389,270.27) bilanċ għad-debitu fil-'Loan Account' tiegħek mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mill-21 ta' Novembru 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment imma mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Nutar Dottor Remigio Zammit Pace datat 25 ta' Awissu 2000, fejn inti ddikjarajt ruħek, veru, ċert u likwidu debitur tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' mitejn u sebgħa u sebgħin elf, tmien mija u għoxrin liri Maltin u ċenteżmu (Lm277,828.01), flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri sad-data ta' l-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

Soċjetà Mittenti: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
173, St. Christopher Street, Valletta.

Intimat: Joseph Camilleri
Falcon House, Blokk A, Flat 6, High Street, Tas-Sliema.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Mejju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

It is hereby notified that the First Hall of the Civil Court by means of a decree given on the 9th February 2006, in the records of the judicial letter in the names Bank of Valletta p.l.c, (C 2833) vs Joseph Camilleri ID number 625647(M) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court, today 15th December 2005

To Joseph Camilleri I.D. 625647(M)

By the present the company Bank of Valletta p.l.c. calls upon you so that within two days you pay the sum of three hundred and eighty nine thousand, two hundred and seventy Maltese liri and twenty seven cents (Lm389,270.27) balance of debt in your 'Loan Account' with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 21st November 2005, till the date of effective payment.

This Calling is being made for all intents and purposes of law and particulary but not exclusively in order to render executable the contract of execution of debt in records Notary Dr Remigio Zammit Pace dated 25th August 2000, whereby you declared yourself a true, certain and liquid debtor in the sum of two hundred and seventy seven Maltese liri eight hundred and twenty eight Maltese liri and one cent (Lm277,828.01) together with further interest till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Interpellant Company: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
173, St. Christopher Street, Valletta.

Respondent: Joseph Camilleri
Falcon House, Block A, Flat 6, High Street, Sliema.

Registry of the Superior Courts, today 2nd May 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

710

AVVIŻ MIR-REĠISTRU QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrenta Stefania Mifsud (KI 317178M) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 147/06 NC) fejn talbet il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID numru 292/2006 fir-Reġistru Pubbliku.

NOTICE REGISTRY OF THE CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Stefania Mifsud (ID 317178M) filed an application under oath (No. 147/06 NC) demanding CORRECTIONS in the ACT OF BIRTH number 292/2006 in the Public Registry.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum 2 ta' Mejju, 2006.

BRUNO ZAHRA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

This 2nd of May, 2006.

BRUNO ZAHRA
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

711

AVVIŻ MIR-REĠISTRU QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrent John Tabone (KI 315366M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 258/04 NC) fejn talab il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID numri 2003/00, 2102/03, 2103/03 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum 2 ta' Mejju, 2006.
